MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2009

Rikors Numru. 34/2000/1

**Agent Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Carmel Aquilina**

Il-Bord;

Ra r-rikors tal-Agent Kummissarju tal-Art li jghid:

"Illi l-initmat gie notifikat b'Avviz ghall-ftehim datat 22 ta' Gunju, 2000 fejn gie nfurmat li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicctejn art fis-Siggiewi; wahda tal-kejl ta' madwar 8.4m2 (0.45 kejliet) li tmiss mill-Majjistral ma' proprjeta' ta' Emanuel Buhagiar, mill-Lbic ma' proprjeta' ta' Nicholas Aquilina u mill-Grigal ma' Triq Pubblika u l-ohra tal-kejl ta' madwar 41.8m2 (2.23kejliet) li tmiss mill-Grigal ma' proprjeta' ta' Nicholas Aquilina u ohrajn u minn Nofsinhar u Lbic ma' Triq Pubblika huwa ta' ghaxar Liri

Maltin (Lm10.00) u hamsa u erbghin lira Maltin (Lm45.00) rispettivament, kif jidher mir-rapport tal-perit Godwin Drago A&C.E. tal-10 t'April, 2000 li kopja tieghu Dok A hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tal-5 ta' Lulju, 2000, l-intimat fost affarijiet ohra jiddikjara li ma jaccettax il-kumpens offert u jitlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta' elf Lira Maltija (Lm1,000).

Ghaldaqstant ir-rikkorent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimat biex jittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bictejn art fuq imsemmija jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-preovvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88)."

Ra illi l-intimat, debitament notifikat bir-rikors promutur, naqas milli jintavola risposta izda fl-ittra ufficjali tieghu tal-5 ta' Lulju 2000 kien irrifjuta jaccetta l-valur offert mir-rikorrent u ddikjara li l-pretensjoni tieghu kienet ghall-valur ta' Lm1000.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi f'din il-materja l-Bord kien assistit mill-periti teknici tieghu, l-AIC David Pace u l-AIC Joseph Mizzi li wara li ezaminaw is-sit kif ukoll id-dokumenti esebiti inkluz ix-xhieda tal-intimat, ikkonkludew bil-mod segwenti skond kif jirrizulta fir-relazzjoni taghhom annessa u formanti parti minn din is-sentenza:

"Wara illi kkunsidraw dana kollu kif ukoll id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet

(Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta) u partikolarment l-Artikolu 27, l-esponenti huma ta' l-opinjoni illi l-proprejta' in kwistjoni ghandha tigi stmata bhala proprjeta' fabrikabbli u illi l-valur ta' l-istess proprjeta' kif deskritta fid-dokumenti esebiti ghandu jigi iffissat fl-ammont ta' mija u tnax-il lira Maltin (112) [illum ekwivalenti ghall-mitejn u sittin euro u disa u tmenin centezmu (Euro260.89)

Illi ai termini tal-artikkolu 25 tal-Kap 88, meta l-membri teknici ikunu unanimi fid-decizjoni taghhom, l-Bord ghandu jiddeciedi skond il-kumpens hekk dikjarat mill-istess membri. Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimat li jitrasferixxi bhala liberi u franki b'titolu ta' xiri assolut z-zewg porzjoinijiet art li minn issa qed ikunu dikjarati fabrikabbli u cioe' wahda tal-kejl ta' madwar 8.4m2 (0.45 kejliet) li tmiss mill-Majjistral ma' proprjeta' ta' Emanuel Buhagiar, mill-Lbic ma' proprjeta' ta' Nicholas Aquilina u mill-Grigal ma' Triq Pubblika u l-ohra tal-kejl ta' madwar 41.8m2 (2.23kejliet) li tmiss mill-Grigal ma' proprjeta' ta' Nicholas Aquilina u ohrajn u minn Nofsinhar u Lbic ma' Triq Pubblika u dan versu l-kumpens komplessiv ta' mitejn u sittin euro u disa u tmenin centezmu (Euro260.89) oltre l-imghax legali spettanti lill-intimati. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fid-29 t'April, 2008 fit-3.00 pm fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Georgine Grech LL.D. biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha jkun mgharrafa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------